# Il-Ħamsa u Għoxrin Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

***Il-Mulej kontra dawk li jixtru bil-flus il-foqra.***

Għam 8, 4-7

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Għamos**

4 Il-Mulej qalli: «Isimgħu dan,
intom li tikkalpestaw l-imsejken,
intom li ttemmu l-foqra tal-pajjiż,
5 u tgħidu: "Meta se jgħaddi l-qamar ġdid,
ħa nbigħu l-qamħ?
Meta se jgħaddi s-Sibt ħa nferrgħu x-xgħir,
inċekknu l-efa, u nkabbru x-xekel,
u nqarrqu b'miżien falz,
6 nixtru bil-flus il-foqra,
u b'żewġt iqrieq l-imsejken?
Inbigħu sal-karfa tal-qamħ."»

7 Il-Mulej ħalef bil-foħrija ta' Ġakobb:
«Ma ninsa qatt xejn minn għemilhom!»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla





## Salm Responsorjali

Salm 112 (113), 1-2.4-6.7-8

R/. (ara 1a u 7b): Faħħru lill-Mulej, li jerfa' l-fqir

1 Faħħru, qaddejja tal-Mulej,
faħħru isem il-Mulej.
2 Ikun isem il-Mulej imbierek,
minn issa u għal dejjem! R/.

4 Għoli fuq il-ġnus kollha l-Mulej,
ogħla mis-smewwiet hu sebħu.
5 Min hu bħall-Mulej, Alla tagħna,
li qiegħed fl-għoli,
6 u li jħares 'l isfel,
lejn is-smewwiet u lejn l-art? R/.

7 Hu li jqajjem mit-trab l-imsejken,
u jerfa' mill-miżbla l-fqajjar,
8 biex mal-kbarat iqiegħdu,
mal-kbarat tal-poplu tiegħu. R/.

# Qari II

*Itolbu għall-bnedmin kollha, għax Alla jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw.*

1 Tim 2, 1-8

**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lil Timotju**

Għażiż, [1]nitolbok l-ewwel nett li jsiru suppliki, orazzjonijiet, talb u
radd il-ħajr għall-bnedmin kollha; [2]għas-slaten, għal dawk kollha li
għandhom xi awtorità, biex inkunu nistgħu ngħaddu ħajja fil-kwiet
u fis-sliem, fit-tjieba u kif jixraq. [3]Dan hu tajjeb u jogħġob lil Alla
s-Salvatur tagħna, [4]li jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu biex
jagħrfu l-verità.

[5]Għax wieħed hu Alla, u wieħed hu l-medjatur bejn Alla u l-bniedem,
il-Bniedem Kristu Ġesù, [6]li ta lilu nnifsu bħala prezz tal-fidwa għal
kulħadd; u x-xhieda ta' dan ngħatat f'waqtha. [7]Hu għal dan li jien
kont magħmul xandâr u appostlu - qiegħed ngħid is-sewwa, m'iniex
nigdeb - biex ngħallem lill-ġnus il-fidi u l-verità.

[8]Nixtieq li l-irġiel jitolbu kullimkien, jerfgħu 'l fuq idejn safja bla
għadab u bla ġlied.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

2 Kor 8, 9

Hallelujah. R/. Hallelujah
Sidna Ġesù Kristu, li kien għani, ftaqar minħabba fikom,
sabiex intom tistagħnu permezz tal-faqar tiegħu.
R/. Hallelujah





# Evanġelju

*Ma tistgħux taqdu lil Alla u lill-flus.*

Lq 16, 1-13

**Qari mill-Evanġelju skont San Luqa**

F'dak iż-żmien, Ġesù [1]qal lid-dixxipli tiegħu: «Kien hemm raġel
għani li kellu amministratur, u lil dan xlewh lil sidu li kien qiegħed
iberbaqlu ġidu. [2]Għalhekk is-sid sejjaħlu u qallu: "Dan x'inhu li
qiegħed nisma' fuqek? Agħtini kont tal-amministrazzjoni tiegħek,
għax ma tistax tibqa' iżjed amministratur tiegħi."

[3]L-amministratur bejnu u bejn ruħu qal: "Issa x'sejjer nagħmel,
ladarba sidi se jneħħini mill-amministrazzjoni? Immur nagħżaq? Ma
niflaħx. Nittallab? Nistħi. [4]Naf x'nagħmel, ħalli meta nitwarrab minn
fuq din l-amministrazzjoni, insib lil ħaddieħor li jilqagħni għandu."

[5]U wieħed wieħed bagħat għal dawk li kellhom jagħtu lil sidu.
"Kemm għandek tagħtih lil sidi?" staqsa lill-ewwel wieħed. [6]"Mitt
barmil żejt," wieġbu dak. Qallu l-amministratur: "Oħroġ il-karti
tiegħek, oqgħod bilqiegħda malajr u ikteb ħamsin." [7]Lil ieħor
staqsieh: "U int, kemm għandek tagħti?" "Mitt xkora qamħ," wieġbu.
Qallu: "Oħroġ il-karti tiegħek u ikteb tmenin."

[8]U s-sid faħħru lil dak l-amministratur ħażin talli ħadem b'rasu.
Għax ulied din id-dinja jimxu bil-għaqal aktar minn ulied id-dawl
ma' min hu tal-qatgħa tagħhom.

[9]U jiena ngħidilkom: agħmlu għalikom infuskom ħbieb ta' qligħ
il-ħżunija, ħalli meta jonqoskom, jilqgħukom fl-għerejjex ta' dejjem.

[10]Min hu fidil f'ħaġa tassew żgħira, hu fidil ukoll fil-ħafna; min hu
diżonest f'ħaġa tassew żgħira, hu diżonest ukoll fil-ħafna. [11]Jekk mela
ma wrejtux ruħkom fidili fil-qligħ il-ħażin, min se jafdalkom il-ġid
veru? [12]U jekk ma wrejtux ruħkom fidili f'dak li hu ta' ħaddieħor,
min se jagħtikom dak li hu tagħkom?

[13]Ebda qaddej ma jista' jaqdi żewġ sidien, għax jew ikun jobgħod
lil wieħed minnhom u jħobb lill-ieħor, jew jintrabat ma' wieħed u
jistmell lill-ieħor. Ma tistgħux taqdu lil Alla u lill-flus.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

*Jew il-forma l-qasira*

# Evanġelju

***Ma tistgħux taqdu lil Alla u lill-flus.***

Lq 16, 10-13

**✠ Qari mill-Evanġelju skont San Luqa**

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: [10] «Min hu fidil f'ħaġa
tassew żgħira, hu fidil ukoll fil-ħafna; min hu diżonest f'ħaġa tassew
żgħira, hu diżonest ukoll fil-ħafna. [11]Jekk mela ma wrejtux ruħkom
fidili fil-qligħ il-ħażin, min se jafdalkom il-ġid veru? [12]U jekk ma
wrejtux ruħkom fidili f'dak li hu ta' ħaddieħor, min se jagħtikom dak
li hu tagħkom?

[13]Ebda qaddej ma jista' jaqdi żewġ sidien, għax jew ikun jobgħod
lil wieħed minnhom u jħobb lill-ieħor, jew jintrabat ma' wieħed u
jistmell lill-ieħor. Ma tistgħux taqdu lil Alla u lill-flus.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu